PARLAMENT TA' MALTA

IT-TLETTAX-IL LEĠIŻLATURA

P.L. 7360

Dokument imqiegħed fuq il-Mejda tal-Kamra tad-Deputati fis-Seduta Numru 523 tat-23 ta' Novembru 2021 mill-Ministru għall-Ġustizzja u l-Governanza.

______________________________

Raymond Scicluna
Skrivan tal-Kamra

*Suppliment tal-Gazzetta tal-Gvern ta' Malta, Nru. 20,740, 23 ta' Novembru, 2021*
*Taqsima B*

**A.L. 456 tal-2021**

## KODIĊI TA' ORGANIZZAZZJONI U PROĊEDURA ĊIVILI (KAP. 12)

## Regolamenti tal-2021 dwar il-Pubblikazzjoni Online ta' Sentenzi tal-Qorti (Protezzjoni tad-Data) Għoti ta' Funzjonijiet

BIS-SAĦĦA tas-setgħat mogħtija bl-artikolu 57 tal-Kodiċi ta' Organizzazzjoni u Proċedura Ċivili, il-Ministru għall-Ġustizzja u l-Governanza għamel dawn ir-regolamenti li ġejjin:-

Titolu.

**1.** It-titolu ta' dawn ir-regolamenti hu r-Regolamenti tal-2021 dwar il-Pubblikazzjoni Online ta' Sentenzi tal-Qorti (Protezzjoni tad-Data) Għoti ta' Funzjonijiet.

Tifsir.

L.S. 595.34.

**2.** F'dawn ir-regolamenti kwalunkwe referenza għad-Direttur Ġenerali (Qrati) għandha tinkludi referenza għall-Uffiċjal Kap Eżekuttiv tal-Aġenzija dwar is-Servizzi tal-Qrati kif awtorizzat biex iwettaq il-funzjonijiet legali tad-Direttur Ġenerali (Qrati) skont l-artikoli 3(i) u 6 tal-Ordni għat-Twaqqif tal-Aġenzija dwar is-Servizzi tal-Qrati.

Għoti ta' setgħat, dmirijiet u funzjonijiet fuq id-Direttur Ġenerali (Qrati).
Kap. 586.

**3.** Id-Direttur Ġenerali (Qrati) għandu, soġġett għad-dispożizzjonijiet tal-Att dwar il-Protezzjoni u l-Privatezza tad-*Data*, ikollu l-funzjoni u s-setgħa li jiddetermina jekk persuna għandhiex raġunijiet validi biex teżerċita d-dritt ta' tħassir ta' data personali fir-rigward tal-kontenut ta' sentenza tal-qorti ppubblikata online fuq is-sit web tal-Aġenzija dwar is-Servizzi tal-Qrati.

Mod ta' eżerċizzju tad-dritt ta' tħassir.

**4.** Id-dritt ta' tħassir ta' data personali minn sentenza tal-qorti ppubblikata fuq is-sit web tal-Aġenzija dwar is-Servizzi tal-Qrati għandu jingħata effett jew billi tiġi anonimizzata s-sentenza jew kwalunkwe parti minnha jew billi titneħħa s-sentenza mill-imsemmi sit web.

Diskrezzjoni tad-Direttur Ġenerali (Qrati).

**5.** Id-Direttur Ġenerali (Qrati) għandu d-diskrezzjoni li jiddeċiedi dwar applikazzjoni għall-eżerċizzju tad-dritt ta' tħassir ta' data personali minn sentenza tal-Qorti ppubblikata fuq is-sit web tal-Aġenzija dwar is-Servizzi tal-Qrati.

**L.N. 456 of 2021**

## CODE OF ORGANIZATION AND CIVIL PROCEDURE (CAP. 12)

## Online Publication of Court Judgments (Data Protection) Conferment of Functions Regulations, 2021

IN EXERCISE of the powers conferred by article 57 of the Code of Organization and Civil Procedure, the Minister for Justice and Governance has made the following regulations:-

Citation.

**1.** The title of these regulations is the Online Publication of Court Judgments (Data Protection) Conferment of Functions Regulations, 2021.

Interpretation.

S.L. 595.34.

**2.** In these regulations any reference to the Director General (Courts) shall include a reference to the Chief Executive Officer of the Court Services Agency as authorised to carry out the legal functions of the Director General (Courts) in terms of articles 3(i) and 6 of the Court Services (Establishment as an Agency) Order.

Conferment of powers, duties and functions upon the Director General (Courts). Cap. 586.

**3.** The Director General (Courts) shall, subject to the provisions of the Data Protection Act, have the function and power to determine whether a person has valid grounds to exercise the right of erasure of personal data in respect of the content of a court judgment published online on the website of the Court Services Agency.

Manner of exercise of the right of erasure.

**4.** The right of erasure of personal data from a court judgment published on the website of the Court Services Agency shall be given effect either by anonymising the judgment or any part thereof or by removing the judgment from the said website.

Discretion of the Director General (Courts).

**5.** The Director General (Courts) has the discretion in deciding upon an application for the exercise of the right of erasure of personal data from a court judgment published on the website of the Court Services Agency.

**Ippubblikat mid-Dipartiment tal-Informazzjoni (doi.gov.mt) — Valletta —** ***Published by the Department of Information (doi.gov.mt) — Valletta***
**Mitbugħ fl-Istamperija tal-Gvern fuq karta riċiklata —** ***Printed at the Government Printing Press on recycled paper***

**Prezz/*Price***
**€0.09**